MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 867/2000/1

S.A. & R.C. Limited, Zoey Limited, Karen Lacey u Paul Muscat
vs
John Gatt

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-atturi li biha ppremettew:

Illi in forza tal-Mandat ta’ Qbid numru 5306/99, fl-ismijiet John Gatt vs Joseph Muscat, mahrug fl-10 ta’ Dicembru, 1999 gew maqbuda l-oggetti elenkati fir-riferta ta’ esekuzzjoni ta’ l-istess mandat (Dok A) mill-fond 110, Triq il-Pont, Mellieha.

Peress illi l-oggetti maqbuda huma kollha proprjeta` assoluta ta’ l-atturi u mhux tad-debitur Joseph Muscat, kif kellu jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-atturi talbu lill-Qorti biex:

1. Tordna r-revoka tal-Mandat ta' Qbid numru 5306/99 fl-ismijiet John Gatt vs Joseph Muscat, mahrug fl-10 ta' Dicembru 1999 billi tawtorizza lill-atturi johorgu l-Kontro-Mandat opportun u tissospendi definittivament kwalsiasi azzjoni ulterjuri da parti tal-konvenut ghall-bejgh bis-subbasta ta' l-oggetti msemmija fid-Dok A.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentat mill-atturi.

**ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' John Gatt li eccepixxa:

Preliminarjament, in kwantu qieghed jintalab ir-revoka tal-Mandat ta' Qbid numru 5306/99 fl-ismijiet John Gatt vs Joseph Muscat, liema Mandat huwa fin-natura ta' Att Esekuttiv li l-hurg tieghu gie debitament awtorizzat minn dina l-istess Onorabbli Qorti, in esekuzzjoni ta' sentenza finali u definittiva taghha a favur tal-konvenut, in-nuqqas ta' interess legali da parti ta' l-atturi u dana stante illi tali interess seta' jispetta biss lid-debitur Joseph Muscat illi kontra tieghu gie mahrug l-istess Mandat.

Fil-meritu, u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-fuq eccepit, l-atturi jridu jippruvaw illi huma tassew il-proprjetarji ta' l-oggetti maqbuda mill-Marixxall Esekutur in esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid esekuttiv meritu tal-kawza odjerna.

Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**

Rat id-decizjoni tal-14 ta’ Novembru, 2002 ta’ din il-Qorti diversament presjeduta dwar l-ewwel eccezzjoni li permezz taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni bhala mhux misthoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-konvenut, u ordnat li s-smiegh tal-kawza jissokta bil-gbir ta’ provi fil-mertu.

Gie prezentat affidavit ta’ Joseph Muscat fejn ikkonferma li l-oggetti li kienu nqabdu mill-fond 110, Triq il-Pont, Mellieha permezz tal-Mandat ta’ Qbid numru 5306/99 ma kienux tieghu izda ta’ terzi. Sostna li s-salott f’tlett bicciet kulur fancy u bil-kewba u coffee table tal-cane kienu proprjeta` ta’ S.A. & R.C. Ltd kif jidher mid-dokumenti JM1 u JM2. Qal li s-salott kien thallas permezz ta’ bank draft mahrug fuq F. Merieca ghan-nom ta’ F. Mercieca & Sons Mobili Ltd. Dwar il-kamra tal-pranzu kompluta kulur il-kewba qal li din kienet inxtrat flimkien mad-dar mill-kumpanija Zoey Limited liema kumpanija akkwistat id-dar permezz ta’ kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Remigio Zammit Pace fis-17 ta’ Lulju, 1997. Dwar il-kamra tas-sodda kompluta kulur abjad qal li din hija proprjeta` ta’ Karen Lacey li kienet tghix mieghu. Dwar il-kamra tas-sodda kompluta kulur iswed u l-kamra tas-sodda kompluta peach pine qal li hija propjreta` ta’ S.A. & R.C. Ltd kif jirrizulta mic-cekk Dok JM6, JM7 u mid-delivery note Dok JM8. Semma li t-televizjoni tal-kulur tal-marka Tatung u l-Video recorder tal-marka Fischer huma proprjeta` ta’ Paul Muscat. Is-siggijiet kulur il-kewba u l-kitchen cupboards komplut kulur kannella u cupboards paricc huma proprjeta` ta’ Zoey Limited peress li gew akkwistati mad-dar. Fl-ahhar huwa ddikjara li ma ghandu l-ebda proprjeta` fid-dar 110, Triq il-Pont, Mellieha.

Gie prezentat affidavit ta’ Paul Emanuel Muscat iben Joseph Muscat fejn ikkonferma li xi snin ilu kien xtara second hand minghand habib tieghu sett tat-televizjoni tal-marka Tatung u video recorder tal-marka Fischer ghal prezz ta’ Lm350. Semma li meta kien siefer ghal xi xhur l-Ingilterra kien halla dawn l-oggetti flimkien ma’ affarijiet

ohra f'idejn missieru u meta rritorna lura hu ma talabhomlux peress li kien qed jinqeda b'li kellu.

Gie prezentat affidavit ta' John Gatt fejn semma li fl-1988 kien fetah proceduri legali quddiem il-Qorti tal-Kummerc kontra Joseph Muscat sabiex jitlob il-hlas ta' Lm1,580 bilanc dovut lilu ghal diversi xogholijet tal-ghamara u xogholijet ta' injam skond appalt lilu moghti mill-istess Muscat. Qal li ghalkemm Muscat kien ikkontesta t-talba tieghu, fl-ahhar nett u wara diversi snin il-Qorti, is-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 1999 kienet inghatat favur tieghu. Joseph Muscat ma kienx appella mis-sentenza u l-anqas kien hallsu u ghalhekk fl-10 ta' Dicembru 1999 kien ghamel mandat ta' Qbid kontrih biex jesegwixxi s-sentenza.

Kompla jghid li mir-riferta tal-Marixxall kien irrizulta li Joseph Muscat kien oppona li jigi esegwit il-mandat billi skond hu l-oggetti fil-fond kienu proprjeta` tal-kumpanija Zoey Limited skond il-kuntratt tan-Nutar Remigio Zammit Pace. Qal li fuq parir ta' l-avukati tieghu kien rega' hareg il-Mandat ta' Qbid sabiex jerga' jigi esegwit izda ghat-tieni darba mir-riferta rrizulta li Muscat oppona milli jigi esegwit il-mandat u dan minhabba li l-oggetti kienu proprjeta` ta' Zoey Limited. Semma li kien ghamel rikors quddiem il-Qorti biex jitlob li jigu istitwiti l-proceduri opportuni kontra Muscat ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti u biex jigi esegwit il-mandat skond il-ligi anke bl-uzu tal-forza jew permezz ta' zgass. Fir-risposta tieghu Muscat semma wkoll lil Karen Lacey li kienet tghix mieghu, u lis-socjeta` S.A. & R.C. Limited. Qal li l-Qorti laqghatlu t-talbiet tieghu u l-mandat fis-6 ta' Frar 2000 kien gie esegwit. Fl-ahhar kien ipprezenta rikors ghall-bejgh fis-Subbasta tal-oggetti elevati mill-poter ta' Muscat izda dan rega' agixxa sabiex jipprova jzommu milli jissodisfa l-kreditu tieghu billi irrikorra ghall-proceduri legali odjerni.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi mill-provi prodotti rrizulta li:

- Fl-10 ta' Dicembru, 1999 il-konvenut Gatt talab il-hrug ta' mandat ta' qbid [5306/99 JV] biex jesegwixxi sentenza li nghatat minn din il-Qorti

diversament presjeduta tat-18 ta' Ottubru 1999 kontra certu Joseph Muscat, u t-talba tieghu giet milqugha dak in-nhar stess;

- Fil-15 ta' Dicembru, 1999 Joseph Muscat zamm lill-Marixxal ezekutant milli jaqbad l-oggetti mill-indirizz indikat ghax sostna li dawn ma kienux tieghu;
- Rega' gara l-istess haga fis-27 ta' Jannar 2000;
- Fis-6 ta' Frar, 2000 meta rega' mar il-Marixxal, Musact rega' ddikjaralu li l-oggetti kollha li jinsabu fil-fond indikat fil-mandat huma proprjeta` tal-kumpanija ZOEY Limited u li l-ebda oggett ma hu ta' proprjeta` personali tieghu izda parti ta' Karen Lacey u parti ta' S.A. & R.C. Limited;
- Fit-8 ta' Mejju 2000 gew istitwiti l-proceduri prezenti;
- Saret il-prova li l-oggetti maqbuda kienu kollha proprjeta` ta' S.A. & R.C. Limited;
- Joseph Muscat ikkonferma li fil-fond 110, Triq il-Pont, Mellieha huwa ma ghandu ebda proprjeta`;
- Irrizulta li S.A. & R.C. Limited kienet il-propjetarja tas-salott, kamra tas-sodda kulur iswed, u kamra tas-sodda kompluta [peach pine];
- Irrizulta li Zoey Limited kienet propjetarja tal-kamra tal-pranzu, 4 siggijiet kulur il-kewba, u kitchen cupboards;
- Irrizulta li Karen Lacey hija propjetarja tal-kamra tas-sodda kulur abjad;
- Irrizulta li Paul Muscat huwa l-propjetarju tat-Television tal-marka Tatung, u video recorder;
- Gatt xehed li mir-ricerki maghmula fil-kuntratt pubblikat min-Nutar Remigio Zammit Pace ma kien hemm l-ebda referenza ghal xi oggetti fil-fond;
- Gatt xehed li l-unika azzjonista fil-kumpanija Zoey Limited kien Joseph Muscat ghajr ghal sehem wiehed biss;
- Illi l-uniku Direttur f'Zoey Limited kien Joseph Muscat;
- Xorta wahda l-konvenut John Gatt talab il-bejgh bis-subbasta tal-oggetti maqbuda;

Ma hemmx skop ta' hafna kliem dwar il-personalita` distinta ta' Joseph Muscat minn dik ta' Zoey Limited ghalkemm l-istess Muscat jidher li hu kwazi l-unika azzjonista u Direttur ta' l-istess socjeta`. Id-debitur ta' John Gatt kien Joseph Muscat u mhux Zoey Limited u jekk xi haga l-esekuzzjoni setghet tintalab fuq proprjeta` ohra ta' l-istess Muscat.

Irrizulta li l-oggetti maqbuda kienu proprjeta` ta' Zoey Limited, S.A.& R.C. Limited, Karen Lacey u Paul Muscat. Hu ovvju li s-socjetajiet imsemmija mhumiex responsabbli ghal debiti ta' Joseph Muscat inkluz is-socjeta` li taghha hu azzjonist l-imsemmi Muscat. Naturalment l-anqas huma responsabbli la Karen Lacey li tghix ma' Muscat u l-anqas ibnu Paul Muscat. Il-fatt li huma kellhom oggetti proprjeta` taghhom li kienu qeghdin fil-fond li fih jirrisjedi Joseph Muscat mhuwiex sufficjenti biex jekk ma tingiebx il-prova li l-proprjeta` hija ta' Joseph Muscat, il-mandat ikun jista' jigi ezegwit.

Ghal dawn il-motivi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u dan minhabba li l-atturi pruvaw li huma tassew il-proprjetarji ta' l-oggetti maqbuda mill-Marixxall ezekuttur in ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid esekuttiv mertu tal-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba attrici u tordna r-revoka tal-Mandat ta' Qbid numru 5306/99 fl-ismijet John Gatt vs Joseph Muscat mahrug fl-10 ta' Dicembru 1999 u tawtorizza lill-atturi johorgu l-opportun kontro-mandat kif ukoll tordna li jitwaqqaf kompletament il-bejgh bis-subbasta ta' l-oggetti msemmija fid-dokument A anness mac-citazzjoni.
Dwar l-ispejjez tat-tieni eccezzjoni minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------